**Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

**Brussell, 18 ta' Settembru 2019 (OR. en)**

**12273/19**

**Fajl Interistituzzjonali: 2019/0193(NLE)**

**ENV 782**
**COMER 108**
**MI 649**
**ONU 95**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 16 ta' Settembru 2019 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2019) 413 final |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-tielet laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' Deċiżjoni li tistabbilixxi l-limiti għall-iskart tal-merkurju, f'konformità mal-paragrafu 2 tal-Artikolu 11 ta' dik il-Konvenzjoni |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 413 final.

---

Mehmuż: COM(2019) 413 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.9.2019
COM(2019) 413 final

2019/0193 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-tielet laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' Deċiżjoni li tistabbilixxi l-limiti għall-iskart tal-merkurju, f'konformità mal-paragrafu 2 tal-Artikolu 11 ta' dik il-Konvenzjoni

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni waqt it-tielet laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' Deċiżjoni li tistabbilixxi l-limiti għall-iskart tal-merkurju, kif imsemmi fil-paragrafu 2, tal-Artikolu 11 ta' dik il-Konvenzjoni.

## 2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### 2.1. Il-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju

Il-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju ("il-Ftehim") hija l-qafas legali internazzjonali ewlieni maħsub biex jipproteġi s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent mill-emissjonijiet antropoġeniċi u mir-rilaxxi tal-merkurju u tal-komposti tal-merkurju fl-arja, fl-ilma u fuq l-art. Hija tindirizza ċ-ċiklu sħiħ tal-ħajja tal-merkurju mill-estrazzjoni minerarja primarja tal-merkurju għar-rimi tal-iskart tal-merkurju.

Il-paragrafu 2 tal-Artikolu 11 tal-Ftehim, jistipula li, għall-fini ta' dan il-Ftehim, "skart tal-merkurju" tfisser, sustanzi jew oġġetti (a) li jikkonsistu minn jew (b) li fihom jew (c) li huma kkontaminati bil-merkurju jew b'komposti tal-merkurju, fi kwantità li taqbeż il-limiti li għandhom jiġu definiti mill-Konferenza tal-Partijiet, u li jintremew jew li huma maħsuba jew meħtieġa li jintremew f'konformità mal-liġi nazzjonali jew mal-Ftehim. Din id-dispożizzjoni żżid li din id-definizzjoni ta' "skart tal-merkurju" teskludi l-iskart mill-estrazzjoni minerarja (saff ta' materjal żejjed , skart tal-blat u rmied tat-tlissija), ħlief skart tal-minjieri mill-minjieri tal-merkurju primarju, li jkun fih il-merkurju jew komposti tal-merkurju fi kwantità inqas mil-limiti li għandhom jiġu definiti mill-Konferenza tal-Partijiet.

Il-paragrafu 3, tal-Artikolu 11 tal-Ftehim, jispeċifika li l-iskart li jikkwalifika bħala skart tal-merkurju skont l-Artikolu 11(2) tiegħu, irid jiġi mmaniġjat b'mod ambjentalment korrett ("ESM").

Il-Ftehim daħal fis-seħħ fis-16 ta' Awwissu 2017.

L-Unjoni Ewropea hija parti għall-Ftehim[1] bħalma huma ħafna mill-Istati Membri[2].

### 2.2. Il-Konferenza tal-Partijiet

Il-Konferenza tal-Partijiet għall-Ftehim ("is-COP") twettaq il-funzjonijiet assenjati lilha mill-Ftehim u, għal dak il-għan, għandha tqis u twettaq, fost l-oħrajn, kull azzjoni addizzjonali li tista' tkun meħtieġa biex jinkisbu l-objettivi tal-Ftehim, inkluż l-adozzjoni ta' linji gwida rilevanti.

Skont l-Artikolu 28 tal-Ftehim u d-Deċiżjoni MC-1/1 dwar ir-Regoli ta' Proċeduri adottati mis-COP waqt l-ewwel laqgħa tagħha (bejn l-24 u d-29 ta' Settembru 2017), kull Parti għandha vot wieħed. Madankollu, l-Unjoni, bħala organizzazzjoni ta' integrazzjoni reġjonali ekonomika, teżerċita d-dritt tagħha li tivvota, dwar kwistjonijiet fil-kompetenza tagħha,

1 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/939 tal-11 ta' Mejju 2017 dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju (ĠU L 142, 2.6.2017, p. 4).

2 Fl-20 ta' Ġunju 2019, 23 Stat Membru kienu rratifikaw il-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju, jiġifieri l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

b'numru ta' voti ugwali għan-numru tal-Istati Membri tagħha li huma partijiet għall-Ftehim. L-Unjoni ma għandhiex teżerċita d-dritt għall-vot tagħha jekk xi ħadd mill-Istati Membri tagħha jeżerċita d-dritt għall-vot tiegħu, u viċe versa.

## 2.3. L-att previst tal-Konferenza tal-Partijiet

Is-COP, matul it-tieni laqgħa tagħha (19-23 ta' Novembru 2018), adottat id-Deċiżjoni MC-2/2[3] li tistabbilixxi grupp ta' esperti tekniċi biex jipproċedu bid-diskussjonijiet dwar il-limiti tal-iskart tal-merkurju matul il-perjodu intersessjonali qabel it-tielet laqgħa tagħha ("COP3"). Il-mandat tal-grupp imsemmi hawn fuq ippreveda b'mod partikolari l-iżvilupp ta' approċċi u metodoloġiji biex jiġu stabbiliti limiti għall-iskart tal-merkurju, inkluż għal skart tal-minjieri rilevanti.

Fid-dawl tal-eżitu tal-ħidma esperta, is-COP3 hija mistennija li tadotta deċiżjoni dwar din il-kwistjoni (l-att previst).

L-att previst se jistabbilixxi limiti li jippermettu l-identifikazzjoni ta' skart (a) li jkun jikkonsisti minn jew (b) li jkun fih jew (c) li jkun ikkontaminat bil-merkurju jew b'komposti tal-merkurju li jaqgħu taħt l-Artikolu 11 tal-Ftehim. Għaldaqstant, l-att previst ser jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-iskart tal-Ftehim, u b'mod partikolari tal-paragrafu 3 tal-Artikolu 11 tiegħu, dwar id-dmir li l-iskart tal-merkurju rilevanti jiġi ttrattat skont l-ESM.

## 3. Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni

Il-pożizzjoni proposta li trid tittieħed f'isem l-Unjoni hija li waqt it-tielet laqgħa tas-COP tiġi appoġġata l-adozzjoni ta' Deċiżjoni li tkun konsistenti mal-*acquis* tal-UE.

L-iskart tal-merkurju huwa rregolat fil-livell tal-UE, b'mod partikolari mir-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar il-Merkurju u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1102/2008[4], bid-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart[5], permezz tad-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-immaniġġjar tal-iskart mill-industriji ta' estrazzjoni u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE[6] u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE tat-3 ta' Mejju 2000 li tissostitwixxi d-Deċiżjoni 94/3/KE li tistabbilixxi lista ta' skart skont l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE dwar l-iskart u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/904/KE li tistabbilixxi lista ta' skart perikoluż skont l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE dwar skart perikoluż[7].

Il-liġi tal-UE dwar l-iskart tiddependi fuq l-obbligu ewlieni stabbilit fl-Artikoli 13 u 17 tad-Direttiva 2008/98/KE msemmija hawn fuq, li skontu l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-immaniġjar tal-iskart jitwettaq mingħajr ma tiġi pperikolata

3 Id-Deċiżjoni MC-2/2 *Il-limiti tal-iskart tal-merkurju*, rapport tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju fuq il-ħidma tat-tieni laqgħa tagħha, UNEP/MC/COP2/19 tas-06.12.2018, disponibbli hawnhekk: http://www.mercuryconvention.org/Meetings/COP2/tabid/6355/language/en-US/Default.aspx

4 ĠU L 137, 24.05.2017, p. 1.

5 ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3.

6 ĠU L 102, 11.4.2006, p. 15.

7 ĠU L 226, 6.9.2000, p. 3.

s-saħħa tal-bniedem u mingħajr ma ssir ħsara lill-ambjent. Dawn id-dispożizzjonijiet jimplimentaw l-obbligu tal-ESM stabbilit fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 11 tal-Ftehim.

Fil-fatt, filwaqt li l-UE kienet strumentali fir-rigward tal-iżvilupp tal-Ftehim, inklużi d-dispożizzjonijiet tiegħu dwar l-iskart tal-merkurju u billi l-esperti tal-UE kkontribwew b'mod sinifikanti għall-att previst, l-*acquis* tal-UE dwar l-iskart imur lil hinn mill-Artikolu 11 tal-Ftehim peress li l-iskart tal-merkurju kollu msemmi f'din id-dispożizzjoni huwa rregolat fil-livell tal-UE u soġġett għall-ESM irrispettivament mill-kontenut tiegħu f'merkurju jew f'komposti tal-merkurju.

Għalhekk, fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-UE tista' tappoġġa l-adozzjoni ta' att previst li tkun konsistenti mal-*acquis* tal-UE.

Għaldaqstant, fit-tielet laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet tal-Ftehim, l-UE tista' biss tappoġġa l-adozzjoni ta' Deċiżjoni li tkun konsistenti mal-*acquis* tal-UE.

Hija meħtieġa pożizzjoni tal-Unjoni peress li, ladarba tiġi adottata, il-Partijiet għall-Ftehim ser ikollhom jimplimentaw l-att previst .

## 4. BAŻI ĠURIDIKA

### 4.1. Bażi ġuridika proċedurali

#### *4.1.1. Il-Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim*".

Il-kunċett ta' "*atti li jkollhom effetti legali*" jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*"[8].

#### *4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

Is-COP hija korp imwaqqaf bi ftehim, jiġifieri l-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju.

L-att previst, li s-COP hija mitluba tadotta, jikkostitwixxi att li għandu effetti legali. L-att previst għandu effetti legali minħabba li l-Partijiet għall-Ftehim għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li jiġi implimentat u li jkun hemm konformità miegħu .

L-att previst ma jissupplimentax jew ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

[8] Il-paragrafi 61 sa 64 tas-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014 fil-Kawża C-399/12, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill (ECLI:EU:C:2014:2258).

## 4.2. Bażi ġuridika sostantiva

### *4.2.1. Il-Prinċipji*

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun ibbażata fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

### *4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

L-objettiv u l-kontenut ewlenin tal-att previst huma marbuta mal-ambjent.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hi l-Artikolu 192(1) tat-TFUE.

## 4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 192(1) tat-TFUE flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

2019/0193 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-tielet laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' Deċiżjoni li tistabbilixxi l-limiti għall-iskart tal-merkurju, f'konformità mal-paragrafu 2 tal-Artikolu 11 ta' dik il-Konvenzjoni

## IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni ta' Minamata[9] dwar il-Merkurju ("il-Ftehim") ġiet konkluża mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/939[10] u daħlet fis-seħħ fis-16 ta' Awwissu 2017.

(2) Skont id-Deċiżjoni MC-1/1 dwar ir-Regoli ta' Proċedura adottati mill-Konferenza tal-Partijiet tal-Ftehim waqt l-ewwel laqgħa tagħha, il-Partijiet għandhom jagħmlu kull sforz biex jilħqu ftehim b'kunsens dwar il-materji kollha ta' sustanza.

(3) Il-Konferenza tal-Partijiet tal-Ftehim, matul it-tielet laqgħa tagħha tal-25-29 ta' Novembru 2019, hija mistennija tadotta Deċiżjoni ("id-Deċiżjoni proposta") dwar limiti minimi għall-iskart tal-merkurju, kif imsemmi fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 11 tal-Ftehim, li, bħala riżultat, jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 11 tal-Ftehim dwar l-iskart; filwaqt li jenħtieġ li l-iskart tal-merkurju li għandu jaqa' taħt il-paragrafu 2 tal-Artikolu 11 tal-Ftehim ikun soġġett għal immaniġġar ambjentalment korrett bis-saħħa tal-paragrafu 3 tal-Artikolu 11 tal-Ftehim.

(4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Konferenza tal-Partijiet tal-Ftehim, billi din id-Deċiżjoni proposta, jekk tiġi approvata, se jkollha effetti legali peress li l-Partijiet tal-Ftehim se jkollhom jieħdu miżuri biex jimplimentawha fil-livelli nazzjonali u/jew reġjonali.

(5) L-Unjoni kkontribwiet b'mod sinifikanti għall-iżvilupp tad-dispożizzjonijiet dwar l-iskart u għall-ħidma intersessjonali tal-esperti li tnediet bid-Deċiżjoni MC-2/2[11] adottata mill-Konferenza tal-Partijiet tal-Ftehim waqt it-tieni laqgħa tagħha u li

---

[9] Kopja ċċertifikata tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju hija disponibbli fuq: https://treaties.un.org/doc/Treaties/2013/10/20131010%2011-16%20AM/CTC-XXVII-17.pdf

[10] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/939 tal-11 ta' Mejju 2017 dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju (ĠU L 142, 2.6.2017, p. 4).

[11] Id-Deċiżjoni MC-2/2 *Il-limiti tal-iskart tal-merkurju*, rapport tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju fuq il-ħidma tat-tieni laqgħa tagħha, UNEP/MC/COP2/19 tas-06.12.2018.

wasslet għad-Deċiżjoni proposta. L-*acquis* tal-Unjoni diġà jesiġi li l-iskart kollu tal-merkurju msemmi fl-Artikolu 11, il-paragrafu 2 tal-Ftehim, jiġi mmaniġġjat mingħajr ma jipperikola s-saħħa tal-bniedem u mingħajr ma ssir ħsara lill-ambjent irrispettivament mill-kontenut ta' merkurju tiegħu;

(6) Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa biss l-adozzjoni ta' Deċiżjoni mill-Konferenza tal-Partijiet għall-Ftehim li tkun konsistenti mal-*acquis* tal-Unjoni.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fit-tielet laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet tal-Ftehim għandha tkun li tappoġġa l-adozzjoni ta' Deċiżjoni li tistabbilixxi l-limiti għall-iskart tal-merkurju li tkun konsistenti mal-*acquis* tal-Unjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*